V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8583 — Lufthansa Technik/Pepperl+Fuchs/JV

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 396/08)

1. Fit-3 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Lufthansa Technik AG ("Lufthansa Technik", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Deutsche Lufthansa AG (il-Ġermanja),

— Pepperl+Fuchs AG ("Pepperl+Fuchs", il-Ġermanja),

— impriża konġunta (joint venture, JV) li għadha kif inħolqot (il-Ġermanja).

Lufthansa Technik u Pepperl + Fuchs jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' joint venture li għadha kif inħolqot.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Lufthansa Technik: il-provvista ta' manutenzjoni, tiswija u servizzi ta' eżami bir-reqqa fis-settur ajruspazjali madwar id-dinja;

— għal Pepperl + Fuchs: l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-protezzjoni mill-isplużjoni elettrika u teknoloġija tas-sensors għal soluzzjonijiet ta' awtomazzjoni tal-proċess u sistemi għal varjetà ta' setturi industrijali;

— għall-JV: ir-riċerka, l-iżvilupp u l-bejgħ ta' soluzzjonijiet għal awtomazzjoni ibbażati fuq is-sensors, inklużi servizzi ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru u komponenti speċifikament għall-magni tal-inġenji tal-ajru.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8583 — Lufthansa Technik/Pepperl+Fuchs/JV

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË